MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 42/2006

**David AQUILINA**

**vs**

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-14 ta' Lulju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra talab li din il-Qorti tiddikjara li li l-fatt li huwa ġie mħarrek biex jidher f'każ quddiem it-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar (aktar 'il quddiem imsejjaħ "it-Tribunal") jikser id-dritt fondamentali tiegħu ta' smigħ xieraq kemm skond l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u wkoll skond l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") liema dritt jitlob li persuna tiġi ġudikata minn

Qorti jew Tribunal imparzjali u indipendenti; talab ukoll li jitqiesu nulli u inattendibbli l-artikoli 4 u 7(1) tal-Att V tal-1995 (Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta); u talab li l-Qorti tagħtih kull rimedju ieħor xieraq u effikaċi biex tipproteġih fid-drittijiet u obbligi tiegħu ċivili skond il-liġi taħt il-Kostituzzjoni u taħt il-Konvenzjoni;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fil-31 ta' Lulju, 2006, li biha laqgħu għat-talbiet tar-rikorrent billi qalu li l-Prim Ministru mhux il-leġittimu kuntradittur tal-azzjoni mibdija mir-rikorrent; billi l-ġudizzju m'huwiex sħiħ għaliex messhom iddaħħlu fil-kawża l-persuni li fetħu l-kawża kontra r-rikorrent quddiem it-Tribunal; li safejn l-azzjoni tar-rikorrent mhix imsejsa fuq il-fatti tal-każ li r-rikorrent tressaq dwaru quddiem it-Tribunal, il-kwestjoni mqanqla minnu hija waħda ipotetika u għalhekk jonqos fiha l-interess ġuridiku meħtieġ għall-azzjoni; għalhekk it-tqanqil ta' dan il-punt huwa wieħed frivolu u vessatorju, billi r-rikorrent qed iqiegħed sitwazzjoni immaġinarja u jippreżentaha quddiem din il-Qorti biex tqis li hemm ksur attwali tal-jeddijiet tiegħu fuq bażi ta' ipoteżi ivvintata; fil-mertu, li l-kwestjoni tal-fatt li avukat prattikanti jippresiedi t-Tribunal ma tissarrafx fi ksur tal-prinċipju tal-imparzjalita' tal-istess tribunal; u wkoll li l-kwestjoni mqanqla mir-rikorrent fil-kawża tal-lum diġa' ġiet determinata f'kawża oħra bħalha minn din il-Qorti[1], li sabet li ma hemm l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq la taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas taħt il-Konvenzjoni;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-3 ta' Awissu, 2006, li bih il-Qorti tat lill-partijiet żmien biex iressqu noti ta' Sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fil-11 ta' Ottubru, 2006[2];

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-intimati waqt is-smigħ tal-11 ta' Ottubru, 2006, li biha irtiraw it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tagħhom;

---

[1] P.A. (Kost.) RCP **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Brincat vs Avukat Ġenerali***
[2] Paġġ, 63 sa 70 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-intimati dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ottubru, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba biex tistħarreġ jekk it-Tribunal, kif imwaqqaf bl-Att V tal-1995[3], jiksirx il-jeddijiet fundamentali ta' smigħ xieraq tar-rikorrent kif maħsuba fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Ir-rikorrent tħarrek biex jidher quddiem it-Tribunal, u qiegħed jgħid li dak it-Tribunal jikser il-jeddijiet tiegħu ta' smigħ xieraq għaliex il-każ se' jinstama' minn ġudikatur li huwa avukat li, meta ma jkunx qed jisma' l-każijiet fit-Tribunal, jista' jipprattika l-professjoni legali għal rasu. Minbarra f'dan, hemm il-fatt li l-ġudikaturi jinħatru għal żmien determinat, u li, fl-għoti tad-deċiżjonijiet tagħhom, jiddeċiedu mhux skond il-liġi imma skond l-ekwita'. Għalhekk, ir-rikorrent jisħaq li t-Tribunal ma jistax ikun wieħed imparzjali u indipendenti kif titlob il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

Illi l-intimati ressqu bosta eċċezzjonijiet, imma din is-sentenza qegħda tingħata dwar jekk messux tħarrek il-Prim Ministru, u dwar jekk messhomx iddaħħlu fil-kawża wkoll il-persuni li ħarrku lir-rikorrent quddiem it-Tribunal;

Illi **dwar jekk il-Prim Ministru huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent**, l-intimati jressqu l-argument li r-rappreżentanza tal-Gvern f'kawżi quddiem il-Qrati hija regolata mill-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma, għalhekk, jgħidu li l-Prim Ministru

[3] Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta

ma jista' bl-ebda mod ikun il-kuntradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent kif imfassla;

Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jgħid li l-qofol tal-azzjoni tiegħu hija dik li tattakka l-liġi nfisha li bis-saħħa tagħha twaqqaf u qiegħed jitħaddem it-Tribunal. Huwa jisħaq li hija l-istess liġi li qegħda tikser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq quddiem qorti jew tribunal imparzjali. Jgħid, għalhekk, li huwa l-Prim Ministru biss li jista' jkun il-persuna li jikkontesta azzjoni ta' din l-għamla. Ir-rikorrent, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu jkompli jistieden lill-Qorti biex tistħarreġ sewwa d-dispożizzjonijiet tal-liġi proċedurali u taġġorna t-tifsira li jmissha tingħata lill-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Proċedura fis-sens li (a) l-Avukat Ġenerali jkun il-leġittimu kontradittur biss fejn l-azzjoni ma tistax tiġi diretta kontra l-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwestjoni[4], u (b) li ladarba l-Prim Ministru huwa l-kap tal-Gvern li jgħaddi l-liġijiet, huwa biss il-Prim Ministru li jmissu jwieġeb għall-ilmenti tar-rikorrent u ta' dawk bħalu, billi huwa l-Prim Ministru biss li (f'każ li jirriżulta li l-ilment dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali huwa mistħoqq) jista' u għandu s-setgħa li jagħti r-rimedju billi jmexxi bil-bdil tal-liġi li tkun;

Illi l-Qorti tagħraf il-fatt li l-kwestjoni dwar min għandu jwieġeb għall-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tal-bniedem ilha żmien tkidd lil min ikun involut f'kawżi bħal dawn. Biż-żmien, tfasslu regoli ta' prattika biex jingħaraf kontra min kawża bħal din imissha titressaq[5]. Il-ħsieb dejjem kien li eċċezzjoni bħal din m'għandhiex isservi biex jitwal il-proċess tas-smigħ tal-ilment fil-mertu, imma biex jiġi mistħarreġ min tassew jista' jagħti r-rimedju f'każ li jirriżulta li l-ilment tal-ksur tad-dritt fundamentali kien wieħed mistħoqq[6]. Mad-dħul fis-seħħ fil-bidliet estensivi li saru fil-Kodiċi tal-Proċedura fl-1995, u b'mod partikolari fl-artikolu dwar ir-rappreżentanza tal-Gvern fil-kawżi, jidher li tqies li l-problema tal-leġittimu kuntradittur kienet b'hekk twittiet darba għal dejjem. Dan l-iżjed minħabba li l-artikolu 181B ma kien jagħmel l-ebda distinzjoni dwar l-

[4] Art. 181B(1) tal-Kap 12
[5] Per eżempju, ara Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**)
[6] Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph M. Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

għamla ta' proċedura ġudizzjarja li għaliha kien jirreferi. Mhux hekk biss, imma l-imsemmi artikolu jagħmel parti minn Titolu tal-Kodiċi li d-dispożizzjonijiet tiegħu "jgħoddu għall-qrati kollha"[7]. Din il-Qorti kif presjeduta hija wkoll tal-fehma sħiħa li l-kwestjoni tar-rappreżentanza tal-Gvern f'kawżi ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali hija wkoll koperta bl-imsemmija d-dispożizzjonijiet;

Illi, madankollu, jidher li l-imsemmi artikolu baqa' dejjem ma ċċarax għal kollox il-kwestjoni tal-leġittimu kontradittur fejn l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali kien dirett lejn liġi jew strument ieħor li għandu s-saħħa ta' liġi. Il-Qrati ma jidhirx li stħarrġu dan il-punt espressament, għalkemm jidher li alludew għalih *obiter*[8]. Il-mistoqsija li tqum hija jekk l-artikolu 181B(2) jistax jitqies li jimla dan il-vot ukoll. Għall-intimati, dak l-artikolu jieħu ħsieb is-sitwazzjoni ukoll fejn l-allegat ksur tal-jedd fundamentali jitnissel minn liġi. Ir-rikorrent ma jaqbilx. Din il-Qorti nnifisha kienet tal-fehma li l-Avukat Ġenerali kien igawdi setgħa proċedurali wiesgħa li jassumi fil-persuna tiegħu r-rappreżentanza tal-Gvern f'kull kawża li ma tkunx tista' titressaq kontra direttur dipartimentali u tat ukoll sentenza f'dan is-sens ukoll f'dawn l-aħħar xhur[9] dwar eċċezzjoni simili;

Illi fi studju analitiku li sar dwar il-proċedura "kostituzzjonali", b'riferenza għall-portata tal-artikolu 181B, inkiteb li "*It is difficult to think of any claim which cannot be directed against a department and it in fact appears that this amendment was inspired by the question of the representation of the Courts, or specifically Judges and Magistrates and those who somehow or other are given the faculty of judging. No other 'prohibition' of this type seems to exist. In any case, the Prime Minister is always a legitimate defendant in actions against the government*"[10]. Din it-tifsira turi li, f'ċerti każijiet, ilment ta' ksur ta' jedd fondamentali jista' jkunm indirizzat lejn persuna li la hija kap ta' dipartiment governattiv u lanqas

---

[7] Art. 193 tal-Kap 12

[8] Ara, per eżempju, Kost. **12.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Theuma noe et vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXI.i.1**), u P.A. (Kost) TM **21.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Harry Vassallo noe vs Kummissarju Elettorali Prinċipali et***

[9] P.A. Kost **31.5.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Caruana vs Onorevoli Prim Ministru***

[10] Mifsud Bonniċi Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms (2004) paġ. 64

kontra l-Avukat Ġenerali bħala rappreżentant tal-Gvern, imma lejn esponenti ieħor tal-Gvern;

Illi, madankollu, fl-aħħar xhur seħħet bidla fil-liġi proċedurali li għandha sservi biex titfa' dawl fuq il-kwestjoni tal-leġittimu kontradittur f'każ fejn jiġi allegat ksur ta' jedd fundamentali minħabba liġi partikolari. Kemm hu hekk, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att IX tal-2006, li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Lulju, 2006, iddaħlet dispożizzjoni ġdida fil-Kodiċi tal-Proċedura[11], li biha huwa l-Prim Ministru direttament li jingħata s-setgħa u l-fakulta' li jaġixxi f'każ fejn xi liġi tkun instabet li tikser xi jedd fundamentali ta' persuna kif imħares fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni. B'din id-dispożizzjoni ġdida, jidher li saret kjarifika li fi kwestjonijiet li jolqtu s-siwi "kostituzzjonali" ta' xi liġi fis-seħħ huwa l-Prim Ministru l-persuna leġittima biex tindirizza r-rimedju meħtieġ. Jekk dan jiġi applikat għall-kriterji ta' prassi proċedurali stabiliti mill-Qorti fil-kawża ta' ***Abela***, imsemmija aktar qabel (jiġifieri li persuna li tista' tagħti r-rimedju, għalkemm ma tkunx il-persuna li wettqet il-fatt lamentat, titqies bħala kontradittur leġittimu wkoll) allura jiġi li l-Prim Ministru jsir il-leġittimu kontradittur f'ilment bħal dan;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari m'hijiex mistħoqqa u sejra twarrabha;

Illi **dwar jekk il-ġudizzju huwiex sħiħ mingħajr ma tħarrku wkoll il-persuni li fittxew lir-rikorrent quddiem it-Tribunal,** l-intimati jridu li l-imsemmija persuni (il-konjuġi Raimondo) jiddaħħlu fil-kawża għaliex it-talba tar-rikorrenti tolqothom direttament għaliex tolqot l-azzjoni li huma bdew kontra r-rikorrent quddiem it-Tribunal. Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni;

Illi għandu jingħad li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' ta' ġudizzju hija waħda ta' ordni pubbliku. Għalhekk, ladarba din l-eċċezzjoni titqanqal mill-parti mħarrka, il-Qorti ma tistax tinjoraha jew tonqos li tqisha, ukoll jekk,

[11] Art. 242(2) tal-Kap 12

aktar 'il quddiem, il-parti mħarrka ma tibqax tinsisti iżjed fuqha[12];

Illi ngħad ukoll li n-natura tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju hija mibnija fuq tliet (3) konsiderazzjonijiet ewlenin, jiġifieri (i) fuq il-ħtieġa li f'kawża jieħdu sehem dawk kollha li huma interessati fil-kwestjoni, (ii) li jiġi assikurat li l-ġudizzju jkun wieħed effikaċi, u (iii) li jitħares kemm jista' jkun il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju. B'dan il-mod, li l-ġudizzju jkun wieħed sħiħ għandu jinteressa aktar lill-parti attriċi milli lill-parti mħarrka. Lanqas ma jidher li l-eċċezzjoni hija bażata fuq xi eżiġenza formali, preċiża li tindika nuqqas insanabbli[13];

Illi s-siwi tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju jrid tabilfors jitqies fil-qafas tan-natura tal-azzjoni li fiha titqajjem dik l-eċċezzjoni. Fil-każ preżenti, l-azzjoni hija waħda ta' ksur ta' jedd fundamentali. Ċertament jingħad li l-miżżewġin Raimondo ma jistgħu bl-ebda mod iwieġbu għal waħda mit-talbiet tar-rikorrent – jiġifieri dik maħsuba li tiddikjara wħud mill-artikoli tal-Att V tal-1995 bħala dispożizzjonijiet li jiksru l-Kostituzzjoni u/jew il-Konvenzjoni – u lanqas ma jistgħu jagħtu rimedju f'każ li l-ilment tar-rikorrent jintlaqa'. Iżda ma hemm l-ebda dubju li l-imsemmija miżżewġin Raimondo għandhom interess ħaj fil-kwestjoni, u dan minħabba li mill-eżitu tal-kawża tal-lum jiddependi l-mixi 'il quddiem tal-kawża li huma fetħu quddiem it-Tribunal kontra r-rikorrent. L-interess tagħhom huwa aktar minn dak indirett li kull persuna li llum il-ġurnata fetħet kawża quddiem l-imsemmi Tribunal jew li tħarrket biex tidher quddiemu jista' jkollha;

Illi l-Qorti, madankollu, temmen li biex tista' tistħarreġ l-ilment imressaq mir-rikorrent, il-ġudizzju mhux monk, fis-sens li ż-żewġ intimati huma kontradittturi leġittimi u l-kawża tista' titmexxa kontra tagħhom biss. Fi kliem ieħor, f'din il-kawża ma hemmx l-estremi tal-litiskonsorzju

[12] Ara App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1188**)

[13] Ara App Ċiv. **15.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra Dedomenico et vs Żahra Dedomenico*** (Kollez. Vol: **LXXVI.i.182**)

neċessarju[14] li jġib in-nullita' tal-proċedura kollha fin-nuqqas ta' xi parti fil-kawża. In-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju eċċepit mill-intimati m'huwiex, għalhekk, wieħed li jolqot mortalment l-andament tal-kawża fis-sura essenzjali tiegħu, u huwa anzi rimedjabbli bl-applikazzjoni ta' għodda proċedurali oħrajn;

Illi minn dan kollu joħroġ li l-eċċezzjoni trid titqies bħala talba biex jissejħu fil-kawża l-imsemmija miżżewġin Raimondo, b'żieda mal-intimati li mill-ewwel ġew imħarrkin. F'każ bħal dan, il-Qorti ma ssib l-ebda diffikulta' li tordna s-sejħa fil-kawża. Ladarba ntwera li dawn il-persuni għandhom l-interess ġuridiku fl-eżitu tal-kwestjoni għall-finijiet tal-artikolu 961 tal-Kapitolu 12, ma għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-Qorti tilqa' t-talba tal-intimati (ladarba għadhom jinsistu dwarha) biex il-miżżewġin Raimondo jkunu parti fil-kawża;

Illi, f'dan is-sens limitat, it-tieni eċċezzjoni qegħda tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimati billi jirriżulta li l-intimat Prim Ministru huwa wkoll kuntradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent; u

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tal-intimati, fis-sens iżda li tordna s-sejħa fil-kawża ta' Dottor Vincent u Marjory miżżewġin Raimondo, bi spejjeż tal-intimati.

L-i**spejjeż** ta' din l-istanza jiġu determinati fis-sentenza fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

[14] App.Ċiv. **3.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna vs Azzopardi*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.233)**

---------------------------------TMIEM---------------------------------